SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

14 ta' Jannar 2021 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kuntratti pubbliċi – Direttiva 2014/24/UE – Artikolu 57(6) – Raġunijiet fakultattivi għall-esklużjoni – Miżuri meħuda mill-operatur ekonomiku sabiex tintwera l-affidabbiltà tiegħu minkejja l-eżistenza ta' raġuni fakultattiva għall-esklużjoni – Obbligu tal-operatur ekonomiku li jipproduċi l-prova ta' dawn il-miżuri fuq l-inizjattiva tiegħu stess – Effett dirett"

Fil-Kawża C-387/19,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mir-Raad van State (il-Kunsill tal-Istat, il-Belġju), permezz ta' deċiżjoni tas-7 ta' Mejju 2019, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-17 ta' Mejju 2019, fil-proċedura

RTS infra BVBA,

Aannemingsbedrijf Norré-Behaegel BVBA

vs

Vlaamse Gewest,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn M. Vilaras, President tal-Awla, N. Piçarra, D. Šváby (Relatur), S. Rodin u K. Jürimäe, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Campos Sánchez-Bordona,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal RTS infra BVBA u Aannemingsbedrijf Norré-Behaegel BVBA, minn J. Goethals, advocaat,

– għall-Gvern Belġjan, minn J.-C. Halleux kif ukoll minn L. Van den Broeck u C. Pochet, bħala aġenti, assistiti minn F. Judo u N. Goethals, advocaten,

– għall-Gvern Estonjan, minn N. Grünberg, bħala aġent,

– għall-Gvern Ungeriż, minn M. Z. Fehér, bħala aġent,

* Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

– għall-Gvern Awstrijak, minn J. Schmoll u M. Fruhmann, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn L. Haasbeek u P. Ondrůšek, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-17 ta' Settembru 2020,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 57(4), (6) u (7) tad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku [l-għoti ta' kuntratti pubbliċi] u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU 2014, L 94, p. 65, rettifika fil-ĠU 2015, L 275, p. 68), kif emendata bir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/2170 tal-24 ta' Novembru 2015 (ĠU 2015, L 307, p. 5) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva 2014/24").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn RTS infra BVBA u Aannemingsbedrijf Norré-Behaegel BVBA kontra Vlaams Gewest (ir-Reġjun Fjamming, il-Belġju), dwar id-deċiżjoni ta' dan tal-aħħar li jeskludi lil dawn iż-żewġ kumpanniji minn proċedura ta' għoti ta' kuntratti pubbliċi.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

Id-Direttiva 2014/24

3 Il-premessa 102 tad-Direttiva 2014/24 tistabbilixxi li:

"[...] trid tingħata xi ftit konċessjoni għall-possibbiltà li l-operaturi ekonomiċi jistgħu jadottaw miżuri ta' konformità li għandhom l-għan li jirrimedjaw għall-konsegwenzi ta' kwalunkwe reat kriminali jew kondotta skorretta u li jimpedixxu b'mod effettiv milli jkun hemm iżjed okkorrenzi tal-imġiba ħażina. Dawk il-miżuri jistgħu jikkonsistu b'mod partikolari minn miżuri tal-persunal u organizzattivi bħall-qtugħ tar-rabtiet kollha ma' persuni jew organizzazzjonijiet involuti fl-imġiba ħażina, miżuri xierqa ta' riorganizzazzjoni tal-persunal, l-implimentazzjoni ta' sistemi ta' rapportar u kontroll, il-ħolqien ta' struttura ta' verifika interna għall-monitoraġġ tal-konformità u l-adozzjoni ta' regoli interni dwar ir-responsabbiltà u l-kumpens. Fejn tali miżuri joffru garanziji suffiċjenti, l-attur ekonomiku inkwistjoni ma għandux jibqa' jiġi eskluż minħabba dawk ir-raġunijiet waħedhom. L-operaturi ekonomiċi għandu jkollhom il- possibbiltà li jitolbu li jiġu eżaminati l-miżuri ta' konformità li ttieħdu bil-ħsieb li jiġu ammessi għall-proċedura ta' akkwist. Madankollu, għandha titħalla f'idejn l-Istati Membri li jiddeterminaw il-kondizzjonijiet proċedurali u sostantivi eżatti applikabbli f'tali każijiet. Huma għandhom, b'mod partikolari, ikunu liberi li jiddeċiedu jekk jippermettux lill-awtoritajiet kontraenti individwali li jwettqu l-valutazzjonijiet rilevanti jew li jagħtu s-setgħa lil awtoritajiet oħra f'livell ċentrali jew deċentralizzat f'dak il-kompitu."

4 L-Artikolu 18 ta' din id-direttiva, intitolat "Prinċipji tal-akkwist" [Prinċipji tal-għoti ta' kuntratti], jipprovdi fil-paragrafu 1 tiegħu:

"L-awtoritajiet kontraenti għandhom jittrattaw lill-operaturi ekonomiċi bl-istess mod u mingħajr diskriminazzjoni u għandhom jaġixxu b'mod trasparenti u proporzjonat.

[...]”

5 L-Artikolu 57 tal-imsemmija direttiva, intitolat “Raġunijiet għall-esklużjoni”, jipprovdi fil-paragrafi 4 sa 7 tiegħu:

“4. L-awtoritajiet kontraenti jistgħu jeskludu jew jistgħu jiġu obbligati minn Stati Membri li jeskludu mill-parteċipazzjoni fi proċedura tal-akkwist kwalunkwe operatur ekonomiku fi kwalunkwe waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

[...]

c) fejn l-awtorità kontraenti tista’ turi b’mezz adegwat li l-operatur ekonomiku huwa ħati ta’ kondotta professjonali ħażina serja, li trendi l-integrità tiegħu dubjuża;

[...]

g) fejn l-operatur ekonomiku jkun wera nuqqasijiet sinifikanti jew persistenti fit-twettiq ta’ rekwiżit sostantiv taħt kuntratt pubbliku preċedenti, kuntratt preċedenti ma’ entità kontraenti jew kuntratt ta’ konċessjoni preċedenti li wassal għat- terminazzjoni antiċipata ta’ dan il-kuntratt preċedenti, penali jew sanzjonijiet komparabbli;

h) fejn l-operatur ekonomiku kien ħati ta’ rappreżentazzjoni qarrieqa serja fl-għoti tal-informazzjoni rikjesta għall-verifika tan-nuqqas ta’ raġunijiet għall-esklużjoni jew l-issodisfar tal- kriterji ta’ għażla, ikun żamm mistura tali informazzjoni jew ma jistax jissottometti id-dokumenti ta’ sostenn meħtieġa skont l-Artikolu 59; [...]

[...]

5. [...]

Fi kwalunkwe ħin matul il-proċedura, l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jeskludu jew jiġu obbligati mill-Istati Membri li jeskludu, operatur ekonomiku fejn jinsab li l-operatur huwa, fid-dawl ta’ atti li saru jew li ma sarux, qabel jew inkella matul il-proċedura, f’waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 4.

6. Kwalunkwe operatur ekonomiku li qiegħed f’waħda mis- sitwazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 4 jista’ jipprovdi evidenza, bil għan li l-miżuri meħudin mill-operatur ekonomiku jkunu biżżejjed biex juru l-affidabbiltà tiegħu minkejja l-eżistenza ta’ raġuni rilevanti għall-esklużjoni. Jekk tali evidenza titqies bħala suffiċjenti, l-operatur ekonomiku kkonċernat ma għandux ikun eskluż mill-proċedura tal-akkwist.

Għal dan il-għan, l-operatur ekonomiku għandu jagħti prova li hu ħallas jew impenja ruħu li jħallas kumpens fir-rigward ta’ kwalunkwe dannu maħluq mir-reat jew mill-kondotta ħażina tiegħu, li ċċara l-fatti u ċ-ċirkostanzi b’mod komprensiv billi kkollabora b’mod attiv mal-awtoritajiet investigattivi u li ħa miżuri konkreti tekniċi, organizzattivi u tal-persunal li huma adegwati sabiex jipprevjenu reati jew kondotta ħażina ulterjuri.

Il-miżuri meħuda mill-operaturi ekonomiċi għandhom ikunu evalwati b’kont meħud tal-gravità u ċ-ċirkostanzi partikolari tar-reat jew tal-kondotta ħażina. Fejn il-miżuri jitqiesu bħala mhux suffiċjenti, l-operatur ekonomiku għandu jirċievi dikjarazzjoni tar-raġunijiet għal dik id-deċiżjoni.

Operatur ekonomiku li jkun ġie eskluż b'sentenza finali milli jipparteċipa fi proċeduri tal-għoti ta' akkwist jew ta' konċessjoni ma għandux ikun intitolat li jagħmel użu mill-possibbiltà provduta taħt dan il-paragrafu matul il-perijodu ta' esklużjoni li jirriżulta minn dik is-sentenza fl-Istati Membri fejn is-sentenza tkun daħlet fis-seħħ.

7. Permezz ta' liġi, regolament jew dispożizzjoni amministrattiva u b'kont meħud għad-dritt tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jispeċifikaw il-kondizzjonijiet implimentattivi ta' dan l-Artikolu. B'mod partikolari, huma għandhom jiddeterminaw il-perijodu massimu tal-esklużjoni jekk ma ttieħdet l- ebda miżura, kif speċifikat fil-paragrafu 6, mill-operatur ekonomiku biex juri l-affidabbiltà tiegħu. Fejn il-perijodu ta' esklużjoni ma jkunx ġie stabbilit permezz ta' sentenza finali, dak il-perijodu ma għandux ikun itwal minn ħames snin mid-data tal- kundanna bis-sentenza finali fil-każijiet imsemmijin fil-paragrafu 1 u tliet snin mid-data tal-avveniment rilevanti fil-każijiet imsemmijin fil-paragrafu 4."

6 L-Artikolu 59 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Dokument Ewropew ta' Akkwist Uniku", jipprovdi, fil-paragrafi 1 u 2 tiegħu:

"1. Fil-mument tas-sottomissjoni ta' talbiet għall-parteċipazzjoni jew tal-offerti, l-awtoritajiet kontraenti għandhom jaċċettaw id-Dokument Ewropew ta' Akkwist Uniku (DEAU) li jikkonsisti minn awtodikjarazzjoni aġġornata bħala evidenza preliminari b'sostituzzjoni għal ċertifikati maħruġin minn awtoritajiet pubbliċi jew terzi persuni li jikkonfermaw li l-operatur ekonomiku rilevanti jissodisfa kwalunkwe waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin:

a) mhuwiex f'waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 57 li fihom l-operaturi ekonomiċi għandhom jew jistgħu jiġu esklużi;

[...]

Id-Dokument Ewropew ta' Akkwist Uniku għandu jikkonsisti f'dikjarazzjoni formali mill-operatur ekonomiku li r-raġuni rilevanti għall-esklużjoni ma tapplikax u/jew li l-kriterju rilevanti ta' għażla huwa ssodisfat u għandu jipprovdi l-informazzjoni rilevanti kif meħtieġa mill-awtorità kontraenti. Id-Dokument Ewropew ta' Akkwist Uniku għandu wkoll jidentifika l-awtorità pubblika jew it-terza persuna responsabbli għall-ħruġ tad-dokumenti ta' sostenn u għandu jkun fih dikjarazzjoni formali li jgħid li l-operatur ekonomiku ser ikun jista', fuq talba u mingħajr dewmien, jipprovdi dawk id-dokumenti ta' sostenn.

[...]

2. Id-Dokument Ewropew ta' Akkwist Uniku għandu jitfassal abbażi ta' formula standard. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi dik il-formula standard permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. [...]"

7 L-Artikolu 69 tad-Direttiva 2014/24, intitolat "Offerti baxxi wisq" jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"L-awtoritajiet kontraenti għandhom jesiġu li l-operaturi ekonomiċi jispjegaw il-prezz jew l-ispejjeż proposti fl-offerta meta l-offerti jkunu jidhru baxxi b'mod mhux normali fir- rigward tax-xogħlijiet, il-provvisti jew is-servizzi."

8 L-Artikolu 90(1) tad-Direttiva 2014/24 jipprevedi li l-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-direttiva mhux iktar tard mit-18 ta' April 2016, filwaqt li l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 91 tal-imsemmija direttiva jipprovdi li d-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 fuq kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi,

kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi [kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet, għal provvisti u għal servizzi] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 7, p. 132). hija mħassra b'effett mit-18 ta' April 2016.

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/7

9 Il-punt C tal-Parti III tal-Anness 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/7 tal-5 ta' Jannar 2016 li jistabbilixxi formola standard għad-Dokument Ewropew Uniku għall-Akkwist (ĠU 2016, L 3, p. 16) jinkludi, b'mod partikolari, iż-żewġ taqsimiet li ġejjin:

"[...]	[...]
L-operatur ekonomiku huwa ħati ta' mġiba professjonali ħażina [...]? ? Jekk iva, ipprovdi d-dettalji:	[ ] Iva [ ] Le [.....] Jekk iva, l-operatur ekonomiku ħa miżuri ta' awtopulitura? [ ] Iva [ ] Le Jekk inhu hekk, iddeskrivi l-miżuri li ttieħdu: [.....]
[...]	[...]
L-operatur ekonomiku kellu esperjenza ta' kuntratt pubbliku preċedenti, kuntratt preċedenti ma' entità kontraenti jew kuntratt ta' konċessjoni preċedenti li ġie tterminat kmieni, jew li ġew imposti danni jew sanzjonijiet komparabbli b'konnessjoni ma' dak il-kuntratt preċedenti? Jekk iva, ipprovdi d-dettalji:	[ ] Iva [ ] Le [.....] Jekk iva, l-operatur ekonomiku ħa miżuri ta' awtopulitura? [ ] Iva [ ] Le Jekk inhu hekk, iddeskrivi l-miżuri li ttieħdu: [.....]
[...]	[...]"

Id-dritt Belġjan

10 Il-punt 4 tal-Artikolu 61(2) tad-Digriet Irjali tal-15 ta' Lulju 2011, dwar l-għoti ta' kuntratti pubbliċi fis-setturi klassiċi (*Belgisch Staatsblad*, 9 ta' Awwissu 2011, p. 44862), fil-verżjoni tiegħu applikabbli għall-kawża prinċipali, jipprovdi:

"B'mod konformi mal-Artikolu 20 tal-Liġi [tal-15 ta' Ġunju 2006, dwar il-kuntratti pubbliċi u ċerti kuntratti għal xogħlijiet, għal provvista u għal servizzi (*Moniteur belge* tal-15 ta' Frar 2007, p. 7355)], jista' jiġi eskluż mill-aċċess għas-suq, fi kwalunkwe stadju tal-proċedura, il-kandidat jew l-offerent:

[...]

4° li, fil-qasam professjonali, ikun wettaq nuqqas serju:

[...]"

11 L-Artikolu 70 tal-Liġi tas-17 ta' Ġunju 2016, dwar il-kuntratti pubbliċi (*Belgisch Staatsblad*, 14 ta' Lulju 2016, p. 44219), li daħlet fis-seħħ fit-30 ta' Ġunju 2017 (iktar 'il quddiem il-"Liġi tas-17 ta' Ġunju 2016"), jipprovdi:

"Kwalunkwe kandidat jew offerent li jsib ruħu f'xi waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 67 jew 69 jista' jipproduċi provi li juru li l-miżuri li jkun ħa huma biżżejjed sabiex juru l-affidabbiltà tiegħu minkejja l-eżistenza ta' raġuni rilevanti għall-esklużjoni. Jekk l-awtorità kontraenti tqis li dawn il-provi huma suffiċjenti, il-kandidat jew l-offerent inkwistjoni ma huwiex eskluż mill-proċedura ta' għoti ta' kuntratt.

Għal dan il-għan, il-kandidat jew l-offerent għandu jipproduċi prova li hu ħallas jew intrabat li jħallas il-kumpens li jikkorrispondi ma' kwalunkwe dannu kkawżat minħabba reat kriminali jew nuqqas, li jkun iċċara l-fatti u ċ-ċirkustanzi b'mod komprensiv billi jkun ikkollabora b'mod attiv mal-awtoritajiet investigattivi u li jkun adotta miżuri tekniċi, organizzattivi u tal-persunal konkreti, li huma adegwati sabiex jipprevjenu reati kriminali jew nuqqasijiet ġodda."

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

12 Permezz ta' avviż ta' kuntratt ippubblikat, fil-11 ta' Mejju 2016, fil-*Bulletin der Aanbestedingen* (il-Bullettin tal-*A*ġġudikazzjonijiet) u, fit-13 ta' Mejju 2016, fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, l-afdeling Wegen en Verkeer Oost-Vlaanderen (it-Taqsima tat-Toroq u taċ-Ċirkulazzjoni ta' Vlaanderen tal-Lvant, il-Belġju) tal-Agentschap Wegen en Verkeer van het Vlaamse (l-Aġenzija tat-Toroq u taċ-Ċirkulazzjoni tar-Reġjun Fjamming, il-Belġju), niedet proċedura ta' għoti ta' kuntratt pubbliku għal xogħlijiet għall-iżvilupp mill-ġdid tal-intersezzjoni Nieuwe Steeweg (N60) u ta' mezzi ta' aċċess u ta' ħruġ mill-E17 lejn De Pinte. L-avviż ta' kuntratt kien ifakkar b'mod partikolari r-raġunijiet għall-eskużjoni previsti fl-Artikolu 61(1) u (2) tad-Digriet Irjali tal-15 ta' Lulju 2011, dwar l-għoti ta' kuntratti pubbliċi fis-setturi klassiċi, fil-verżjoni tiegħu applikabbli għall-kawża prinċipali, fosthom il-"kondotta professjonali serjament skorretta".

13 Wara s-sottomissjoni ta' sitt offerti, fosthom dik tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali, ir-Reġjun Fjamming, permezz ta' deċiżjoni tat-13 ta' Ottubru 2016, eskluda lil dawn tal-aħħar mill-parteċipazzjoni fil-kuntratt u tah lill-impriża li ppreżentat l-offerta regolari l-iktar baxxa.

14 Ir-Reġjun Fjamming immotiva l-esklużjoni tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali bil-fatt li, fil-kuntest tal-eżekuzzjoni ta' kuntratti preċedenti mogħtija mill-istess awtorità kontraenti bħal fil-kawża prinċipali, huma kienu wettqu "kondotta professjonali serjament skorretta" li kienet is-suġġett ta' penalitajiet għall-parti l-kbira u li kienet tikkonċerna aspetti importanti għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt li għalih huma sa dak iż-żmien issottomettew. F'dan il-kuntest, ir-Reġjun Fjamming qies li n-nuqqasijiet kuntrattwali serji u ripetuti tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali qajmu dubji u inċertezzi fir-rigward tal-kapaċità tagħhom li jiżguraw eżekuzzjoni korretta tal-kuntratt il-ġdid.

15 Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali adixxew il-qorti tar-rinviju sabiex jiksbu l-annullament tad-deċiżjoni tat-13 ta' Ottubru 2016. F'dan ir-rigward huma jsostnu li, qabel ma ġew miċħuda minħabba kondotta professjonali serjament skorretta allegata, huma jmisshom kellhom il-possibbiltà li jiddefendu ruħhom f'dan ir-rigward u li juru għalhekk li kienu rrimedjaw il-konsegwenzi ta' dawn in-nuqqasijiet permezz ta' miżuri korrettivi xierqa, hekk kif dan huwa previst fl-Artikolu 57(6) tad-Direttiva 2014/24, li għandu effett dirett.

16 L-awtorità kontraenti tikkontesta l-effett dirett ta' din id-dispożizzjoni. Barra minn hekk hija ssostni li, minkejja li daħlet fis-seħħ biss fit-30 ta' Ġunju 2017, jiġifieri wara d-data ta' adozzjoni tad-deċiżjoni tat-13 ta' Ottubru 2016, il-Liġi tas-17 ta' Ġunju 2016 tipprevedi preċiżament, fl-Artikolu 70 tagħha, li l-operatur ekonomiku kkonċernat għandu jiddikjara fuq inizjattiva tiegħu stess il-miżuri korrettivi

meħuda. Peress li d-Direttiva 2014/24 ma tipprevedi ebda dispożizzjoni fir-rigward tal-mument u tal-mod kif għandha tiġi prodotta l-prova tal-miżuri korrettivi meħuda, l-awtorità kontraenti tfittex li tintrabat, f'tali ċirkustanzi, mal-Artikolu 70 tal-Liġi tas-17 ta' Ġunju 2016.

17 Sabiex tkun tista' tevalwa l-fondatezza tar-rikors ippreżentat quddiemha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk l-Artikolu 57(4), (6) u (7) tad-Direttiva 2014/24 jipprekludix li operatur ekonomiku jkun jista' jiġi esklużż minn proċedura ta' għoti ta' kuntratt minħabba kondotta professjonali serjament skorretta mingħajr ma jkun ġie mistieden minn qabel mill-awtorità kontraenti jew mid-dokumenti tal-kuntratt sabiex jipproduċi l-prova li huwa jibqa' affidabbli minkejja dan in-nuqqas.

18 Il-qorti tar-rinviju tindika li, sa fejn il-klassifikazzjoni tal-kondotta professjonali serjament skorretta invokata kontra l-offerent ikkonċernat taqa' taħt l-evalwazzjoni libera tal-awtorità kontraenti, din tal-aħħar tista' tirriżulta li ma tantx hija prevedibbli għall-offerent. Barra minn hekk, skont din il-qorti, l-operaturi ekonomiċi ma humiex inklinati li jappoġġaw forma ta' awtoakkuża billi jipprovdu elenkar ta' nuqqasijiet li jistgħu eventwalment jiġu kklassifikati mill-awtorità kontraenti bħala "kondotta serjament skorretta". Għaldaqstant, li tiġi żgurata proċedura kontradittorja jista' jiffavorixxi l-kompetizzjoni fil-proċess ta' għoti tal-kuntratt. Min-naħa l-oħra, il-qorti tar-rinviju tenfasizza li l-fatt li l-inizjattiva titħalla lill-operatur ekonomiku sabiex jipproduċi l-prova tal-miżuri korrettivi meħuda jippermetti trasparenza ikbar, iktar u iktar peress li dan l-operatur jaf, minħabba t-tul massimu ta' esklużjoni, kemm għandu żmien, fuq inizjattiva tiegħu stess, sabiex jagħmel dikjarazzjoni dwar miżuri korrettivi.

19 Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għal din l-ewwel domanda, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf ukoll jekk id-dispożizzjonijiet imsemmija iktar 'il fuq tad-Direttiva 2014/24 għandhomx effett dirett. B'mod partikolari, hija tistaqsi jekk jistax jitqies li ċerti elementi ta' dawn id-dispożizzjonijiet jikkostitwixxu, fil-qasam ta' awtoriabilitazzjoni, garanziji minimi li jippermettu li jiġu kklassifikati bħala "suffiċjentement preċiżi u inkundizzjonati" sabiex jingħataw effett dirett.

20 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-Raad van State (il-Kunsill tal-Istat, il-Belġju) iddeċieda li jissospendi l-proċeduri u li jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 57(4)(c) u (g), moqri flimkien mal-Artikolu 57(6) u (7) tad-Direttiva 2014/24[...] għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi l-applikazzjoni ta' obbligu fuq operatur ekonomiku li jipproduċi, fuq inizjattiva tiegħu stess, prova tal-miżuri meħuda minn dan l-operatur sabiex jistabbilixxi l-affidabbiltà tiegħu?

2) Jekk l-ewwel domanda tingħata risposta fl-affermattiv, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 57(4)(c) u (g), moqri flimkien mal-Artikolu 57(6) u (7) tad-Direttiva [2014/24] hekk interpretati, għandhom effett dirett?"

Fuq id-domandi preliminari

Osservazzjonijiet preliminari

21 L-ewwel nett, għandu jiġi rrilevat li, peress li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 57(6) tad-Direttiva 2014/24, li l-interpretazzjoni tagħhom hija mitluba, ma jikkorrispondu ma' ebda dispożizzjoni li tinsab fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni applikabbli fil-qasam tal-kuntratti pubbliċi sad-data ta' adozzjoni u ta' dħul fis-seħħ ta' din id-direttiva, id-domandi preliminari magħmula jistgħu jkunu rilevanti biss fl-ipoteżi li l-imsemmija direttiva tkun applikabbli għas-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali. Il-qorti tar-rinviju tqis li dan huwa l-każ minħabba l-fatt li l-pubblikazzjoni tal-avviż ta' kuntratt fil-11 u fit-13 ta' Mejju 2016 seħħet wara t-18 ta' April 2016, data li fiha, b'mod konformi mal-Artikoli 90 u 91 tagħha, id-Direttiva 2014/24, minn naħa, kellha tiġi trasposta mill-Istati Membri u, min-naħa l-oħra, ħassret id-Direttiva 2004/18.

22 Madankollu, mill-proċess li għandha quddiemha l-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li dan l-avviż ta' kuntratt ġie ppreċedut minn avviż ta' informazzjoni minn qabel, li ġie ppubblikat fis-17 ta' Ottubru 2015, data li fiha d-Direttiva 2004/18 kienet għadha applikabbli.

23 F'dan ir-rigward, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li d-direttiva applikabbli, bħala prinċipju, hija dik fis-seħħ fid-data li fiha l-awtorità kontraenti tagħżel it-tip ta' proċedura li għandha tiġi segwita u tiddeċiedi definittivament il-kwistjoni ta' jekk hemmx jew le obbligu li ssir sejħa għal offerti qabel l-għoti ta' kuntratt pubbliku. Min-naħa l-oħra, ma humiex applikabbli d-dispożizzjonijiet ta' direttiva li t-terminu ta' traspożizzjoni tagħha jkun skada wara din id-data (sentenza tas-27 ta' Novembru 2019, Tedeschi u Consorzio Stabile Istant Service, C-402/18, EU:C:2019:1023, punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata).

24 F'dan il-każ, fid-dawl tal-fatt li l-avviż ta' informazzjoni minn qabel ġie ppubblikat qabel id-data ta' skadenza stabbilita għat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2014/24, filwaqt li l-avviż ta' kuntratt sar wara din id-data, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika f'liema data l-awtorità kontraenti għażlet it-tip ta' proċedura li kellha l-intenzjoni ssegwi u ddeċidiet definittivament il-kwistjoni dwar jekk kienx hemm jew le obbligu li ssir sejħa għal offerti minn qabel għall-għoti tal-kuntratt pubbliku inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

Fuq l-ewwel domanda

25 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 57(6) tad-Direttiva 2014/24 għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi prassi ta' Stat Membru li tipprovdi li l-operatur ekonomiku kkonċernat huwa marbut li jipproduċi spontanjament, waqt it-tressiq tat-talba tiegħu għal parteċipazzjoni jew tal-offerta tiegħu fil-kuntest tal-proċedura għall-għoti ta' kuntratt pubbliku, il-prova tal-miżuri korrettivi meħuda sabiex tintwera l-affidabbiltà tiegħu minkejja l-eżistenza, fir-rigward tiegħu, ta' raġuni fakultattiva għall-esklużjoni prevista fl-Artikolu 57(4) ta' din id-direttiva, peress li tali obbligu la jirriżulta mil-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli u lanqas mid-dokumenti tal-kuntratt.

26 F'dan ir-rigward, fl-ewwel lok, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 57(6) tad-Direttiva 2014/24, kwalunkwe operatur ekonomiku li jkun b'mod partikolari kkonċernat minn waħda mir-raġunijiet fakultattivi għall-esklużjoni msemmija fl-Artikolu 57(4) ta' din id-direttiva jista' jipproduċi provi sabiex juri li l-miżuri li huwa jkun ħa huma suffiċjenti sabiex juru l-affidabbiltà tiegħu, filwaqt li huwa ppreċiżat li, jekk dawn il-provi huma meqjusa suffiċjenti, l-operatur ekonomiku kkonċernat ma jistax jiġi eskluż mill-proċedura ta' għoti ta' kuntratt għal tali raġuni. Għalhekk din id-dispożizzjoni tintroduċi mekkaniżmu ta' miżuri korrettivi (self-cleaning) billi tagħti f'dan ir-rigward dritt lill-operaturi ekonomiċi li l-Istati Membri għandhom jiggarantixxu waqt it-traspożizzjoni tal-imsemmija direttiva, fl-osservanza tal-kundizzjonijiet stabbiliti minn din tal-aħħar (ara, b'analoġija, fir-rigward tal-Artikolu 38(9) tad-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni (ĠU 2014, L 94, p. 1, rettifiki fil-ĠU 2015, L 114, p. 24 u fil-ĠU 2018, L 82, p. 17), li huwa ekwivalenti għall-Artikolu 57(6) tad-Direttiva 2014/24, is-sentenza tal-11 ta' Ġunju 2020, Vert Marine, C-472/19, EU:C:2020:468, punti 16 u 17).

27 Għandu jiġi rrilevat li la l-formulazzjoni tal-Artikolu 57(6) tad-Direttiva 2014/24 u lanqas il-premessa 102 ta' din id-direttiva ma jispeċifikaw b'liema mod u lanqas f'liema stadju tal-proċedura ta' għoti ta' kuntratt tista' tiġi prodotta l-prova tal-miżuri korrettivi.

28 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi rrilevat li, fid-dawl tal-formulazzjoni waħedha tal-Artikolu 57(6) tad-Direttiva 2014/24, il-possibbiltà mogħtija lill-operaturi ekonomiċi li jipproduċu l-prova tal-miżuri korrettivi meħuda tista' tiġi eżerċitata wkoll kemm fuq inizjattiva tagħhom kif ukoll fuq l-inizjattiva tal-awtorità kontraenti, kif ukoll tista' tiġi eżerċitata kemm waqt it-tressiq tat-talba għal parteċipazzjoni jew tal-offerta kif ukoll fi stadju ulterjuri tal-proċedura.

29 Din l-interpretazzjoni hija sostnuta mill-għan li għandu jintlaħaq fl-Artikolu 57(6) tad-Direttiva 2014/24. Fil-fatt, billi tipprevedi li kull operatur ekonomiku għandu jkun jista' jipproduċi l-prova tal-miżuri korrettivi, din id-dispożizzjoni hija intiża sabiex tenfasizza l-importanza marbuta mal-affidabbiltà tal-operatur ekonomiku kif ukoll li tiġi żgurata evalwazzjoni oġġettiva tal-operaturi ekonomiċi u kompetizzjoni effettiva (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-11 ta' Ġunju 2020, Vert Marine, C-472/19, EU:C:2020:468, punt 22). Issa, dan l-għan jista' jintlaħaq meta tiġi prodotta l-prova tal-miżuri korrettivi, fi kwalunkwe stadju tal-proċedura qabel it-teħid ta' deċiżjoni tal-aġġudikazzjoni, peress li l-essenzjal huwa li l-operatur ekonomiku jkollu l-possibbiltà li jsostni u li jitlob li jiġu eżaminati l-miżuri li, fil-fehma tiegħu, jippermettu li tiġi rrimedjata raġuni ta' esklużjoni li tikkonċernah.

30 Din l-interpretazzjoni hija kkorroborata wkoll mill-kuntest li jidħol fih l-Artikolu 57(6) tad-Direttiva 2014/24. F'dan ir-rigward, hemm lok li jitfakkar li, skont l-Artikolu 57(7) ta' din id-direttiva, il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' din id-direttiva u, għaldaqstant, tal-paragrafu 6 tiegħu għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri fl-osservanza tad-dritt tal-Unjoni. Issa, fil-kuntest tas-setgħa diskrezzjonali li huma għandhom waqt id-determinazzjoni tal-modalitajiet proċedurali tal-Artikolu 57(6) tal-imsemmija direttiva (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-11 ta' Ġunju 2020, Vert Marine, C-472/19, EU:C:2020:468, punt 23), l-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-prova tal-miżuri korrettivi għandha tiġi prodotta spontanjament mill-operatur ekonomiku kkonċernat meta jressaq it-talba tiegħu għal parteċipazzjoni jew l-offerta tiegħu, kif ukoll jistgħu jipprevedu li tali prova tista' tiġi prodotta wara li dan l-operatur ekonomiku jkun ġie formalment mistieden jagħmel dan mill-awtorità kontraenti fi stadju ulterjuri tal-proċedura.

31 Din is-setgħa diskrezzjonali tal-Istati Membri hija madankollu bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2014/24 li jipprevedu l-possibbiltà għall-operaturi li jipproduċu spontanjament il-prova tal-miżuri korrettivi meta jressqu t-talba għal parteċipazzjoni fil-proċedura għall-għoti ta' kuntratt pubbliku jew l-offerta tagħhom. Hekk kif irrileva l-Avukat Ġenerali, essenzjalment, fil-punt 49 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-Artikolu 59(1)(a) tad-Direttiva 2014/24 jipprevedi li l-awtoritajiet kontraenti għandhom jaċċettaw, meta jressqu tali talbiet jew tali offerti, id-DEAU, dokument li permezz tiegħu l-operatur ekonomiku jiddikjara fuq l-unur li huwa kkonċernat minn raġuni għall-esklużjoni u li jkun ħa miżuri ta' awtoriabilitazzjoni, bla ħsara għal verifiki sussegwenti.

32 Madankollu, id-dispożizzjonijiet li jinsabu fl-Artikolu 59 tad-Direttiva 2014/24, dwar id-DEAU ma jipprekludux li l-Istati Membri milli jiddeċiedu, fil-kuntest tas-setgħa diskrezzjonali mfakkra fil-punt 30 ta' din is-sentenza, li jħallu lill-awtorità kontraenti l-inizjattiva li titlob il-prova tal-miżuri korrettivi wara t-tressiq tat-talba għal parteċipazzjoni jew tal-offerta, u dan anki jekk it-talba għal parteċipazzjoni jew l-offerta tkun akkumpanjata minn DEAU.

33 Mill-interpretazzjoni testwali, teleoloġika u sistematika tal-Artikolu 57(6) tad-Direttiva 2014/24, kif tirriżulta mill-punti 27 sa 30 ta' din is-sentenza, jirriżulta li din id-dispożizzjoni la tipprekludi li l-prova tal-miżuri korrettivi tiġi prodotta mill-operatur ekonomiku kkonċernat fuq inizjattiva tiegħu stess jew fuq it-talba speċifika tal-awtorità kontraenti u lanqas milli tiġi prodotta matul it-tressiq tat-talba għal parteċipazzjoni jew tal-offerta jew fi stadju ulterjuri tal-proċedura għall-għoti ta' kuntratt.

34 Fit-tieni lok, għandu jiġi ppreċiżat li, hekk kif jirriżulta mill-Artikolu 57(7) tad-Direttiva 2014/24, l-Istati Membri għandhom, meta jiddeterminaw il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu 57, josservaw id-dritt tal-Unjoni. B'mod partikolari, huma għandhom josservaw mhux biss il-prinċipji għall-għoti ta' kuntratti stabbiliti fl-Artikolu 18 tad-Direttiva 2014/24, li fosthom hemm, b'mod partikolari, il-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament, ta' trasparenza u ta' proporzjonalità, iżda wkoll il-prinċipju ta' rispett tad-drittijiet tad-difiża, li, bħala prinċipju fundamentali tad-dritt tal-Unjoni li d-dritt għal smigħ f'kull proċedura huwa parti integrali minnu, japplika meta l-amministrazzjoni

tipproponi li tadotta fil-konfront ta' persuna att li jikkawżalha preġudizzju, bħal deċiżjoni ta' esklużjoni adottata fil-kuntest ta' proċedura għall-għoti ta' kuntratt (sentenza tal-20 ta' Diċembru 2017, Prequ' Italia, C-276/16, EU:C:2017:1010, punti 45 u 46 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

35 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu l-ewwel nett jitfakkar, minn naħa, li, skont il-prinċipju ta' trasparenza, il-kundizzjonijiet u l-modalitajiet kollha tal-proċedura ta' għoti ta' kuntratt għandhom jiġu fformulati b'mod ċar, preċiż u univokali fl-avviż ta' kuntratt jew fl-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt b'mod li l-operaturi ekonomiċi kollha jkunu raġonevolment informati u normalment diliġenti sabiex jifhmu l-portata eżatta tagħhom u sabiex jinterpretawhom bl-istess mod (sentenza tal-14 ta' Diċembru 2016, Connexxion Taxi Services, C-171/15, EU:C:2016:948, punt 40 u l-ġurisprudenza ċċitata). Min-naħa l-oħra, il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament jimponi li l-operaturi ekonomiċi kkonċernati minn kuntratt pubbliku jkollhom l-istess opportunitajiet fil-formulazzjoni tal-offerti tagħhom, ikunu jafu eżattament ir-restrizzjonijiet tal-proċedura u jiġu żgurati fil-fatt li l-istess rekwiżiti japplikaw għall-kompetituri kollha (sentenza tal-14 ta' Diċembru 2016, Connexxion Taxi Services, C-171/15, EU:C:2016:948, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata).

36 Minn dan jirriżulta li, meta Stat Membru jipprevedi li l-prova tal-miżuri korrettivi tista' tiġi prodotta biss spontanjament mill-operatur ekonomiku meta jressaq it-talba għal parteċipazzjoni jew l-offerta, mingħajr possibbiltà, għal dan l-operatur, li jipproduċi tali prova fi stadju ulterjuri tal-proċedura, il-prinċipji ta' trasparenza u ta' ugwaljanza fit-trattament jeżiġu, hekk kif l-Avukat Ġenerali rrileva, essenzjalment, fil-punti 66 u 67 tal-konklużjonijiet tiegħu, li l-operaturi ekonomiċi jiġu informati b'mod miftuħ minn qabel, b'mod ċar, preċiż u univokali, bl-eżistenza ta' tali obbligu, li din l-informazzjoni tirriżulta direttament mid-dokumenti tal-kuntratt jew minn riferiment, f'dawn id-dokumenti, għal-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti.

37 Sussegwentement, id-dritt għal smigħ jimplika li, kif irrileva l-Avukat Ġenerali, essenzjalment, fil-punti 90 u 91 tal-konklużjonijiet tiegħu, dawn l-operaturi għandhom ikunu f'pożizzjoni, sabiex ikunu jistgħu jesprimu, b'mod utli u effettiv, il-fehma tagħhom f'din it-talba jew f'din l-offerta, li jidentifikaw, waħedhom, ir-raġunijiet għall-esklużjoni li jistgħu jintużaw fil-konfront tagħhom mill-awtorità kontraenti fir-rigward tal-informazzjoni li tinsab fid-dokumenti tal-kuntratt u l-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar dan is-suġġett.

38 Fl-aħħar nett, sa fejn dan ma jikkostitwixxix ostakolu irraġonevoli għall-eżerċizzju tas-sistema ta' miżuri korrettivi, l-obbligu għall-operaturi ekonomiċi li jipproduċu spontanjament il-prova tal-miżuri korrettivi fit-talba tagħhom għal parteċipazzjoni jew fl-offerta tagħhom huwa, peress li jiġi eżerċitat fil-kundizzjonijiet imfakkra fil-punti 36 u 37 ta' din is-sentenza, konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità, li skontu r-regoli stabbiliti mill-Istati Membri jew mill-awtoritajiet kontraenti fil-kuntest tal-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2014/24, bħar-regoli intiżi li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-Artikolu 57 ta' din id-direttiva, ma għandhomx imorru lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu l-għanijiet previsti minn din l-istess direttiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-30 ta' Jannar 2020, Tim, C-395/18, EU:C:2020:58, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata).

39 F'dan il-każ, għandu jiġi rrilevat li, hekk kif indikat il-qorti tar-rinviju, għalkemm ir-Renju tal-Belġju ttraspona fid-dritt nazzjonali tiegħu, permezz tal-Artikolu 70 tal-Liġi tas-17 ta' Ġunju 2016, l-Artikolu 57(6) tad-Direttiva 2014/24 billi ppreċiża li l-prova tal-miżuri korrettivi għandha tiġi prodotta fuq l-inizjattiva tal-operatur ekonomiku, din il-liġi ma kinitx daħlet fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż ta' kuntratt u lanqas fid-data tas-sottomissjoni tal-offerta tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali. Barra minn hekk, mill-proċess li għandha quddiemha l-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, għalkemm fakkru r-raġunijiet għall-esklużjoni previsti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali fis-seħħ f'dak iż-żmien, id-dokumenti tal-kuntratt ma indikawx espressament li tali prova kellha tiġi prodotta spontanjament mill-operatur ekonomiku kkonċernat.

40 F'dawn iċ-ċirkustanzi, u bla ħsara għall-obbligu li għandhom ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, skont rekwiżiti ta' trasparenza u ta' lealtà, li jinformaw lill-awtorità kontraenti b'kondotta professjonali serjament skorretta li huma kienu wettqu fil-kuntest tal-eżekuzzjoni ta' kuntratti preċedenti mogħtija mill-istess awtorità kontraenti, dawn ir-rikorrenti setgħu raġonevolment jistennew, abbażi biss tal-Artikolu 57(6) tad-Direttiva 2014/24, li huma jiġu mistiedna sussegwentement mill-awtorità kontraenti sabiex jipproduċu l-prova tal-miżuri korrettivi meħuda sabiex jirrimedjaw kwalunkwe raġuni fakultattiva għall-esklużjoni li din l-awtorità setgħet tirrileva.

41 Mill-punti 34 sa 37 tas-sentenza tat-3 ta' Ottubru 2019, Delta Antrepriză de Construcinvalidi ii invalidi i Montaj 93 (C-267/18, EU:C:2019:826), li tirrigwarda leġiżlazzjoni nazzjonali li ma ppreċiżatx jekk il-prova tal-miżuri korrettivi kellhiex tiġi prodotta b'mod spontanju jew le mill-operatur ekonomiku u lanqas f'liema stadju tal-proċedura hija kellha tiġi prodotta jirriżulta wkoll li, jekk huma l-operaturi ekonomiċi li għandhom jinformaw lill-awtorità kontraenti, minn meta titressaq it-talba tagħhom għal parteċipazzjoni jew l-offerta tagħhom, bix-xoljiment ta' kuntratt preċedenti minħabba nuqqas serju, l-awtorità kontraenti, meta tikkonkludi li kienet teżisti raġuni għall-esklużjoni li twassal għal tali xoljiment jew li kien hemm ħabi ta' informazzjoni dwar tali xoljiment, għandha madankollu tħalli l-possibbiltà lill-operaturi kkonċernati li jipproduċu l-prova tal-provi korrettivi meħuda.

42 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, l-ewwel domanda għandha tiġi risposta li l-Artikolu 57(6) tad-Direttiva 2014/24 għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi prassi li permezz tagħha operatur ekonomiku huwa obbligat li jipproduċi b'mod spontanju, waqt it-tressiq tat-talba tiegħu għal parteċipazzjoni jew tal-offerta tiegħu, il-prova tal-miżuri korrettivi meħuda sabiex tintwera l-affidabbiltà tiegħu minkejja l-eżistenza, fir-rigward tiegħu, ta' raġuni fakultattiva għall-esklużjoni msemmija fl-Artikolu 57(4) ta' din id-direttiva, peress li tali obbligu la jirriżulta mil-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli u lanqas mid-dokumenti tal-kuntratt. Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 57(6) tal-imsemmija direttiva ma jipprekludix tali obbligu meta dan ikun previst b'mod ċar, preċiż u univokali fil-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli u meta dan jiġi mgħarraf lill-operatur ekonomiku kkonċernat permezz tad-dokumenti tal-kuntratt.

Fuq it-tieni domanda

43 Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 57(6) tad-Direttiva 2014/24 għandux jiġi interpretat fis-sens li jipproduċi effett dirett.

44 F'dan ir-rigward, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li, fil-każijiet kollha fejn id-dispożizzjonijiet ta' direttiva jidhru, mill-perspettiva tal-kontenut tagħhom, inkundizzjonati u suffiċjentement preċiżi, huwa possibbli li dawn jiġu invokati quddiem il-qrati nazzjonali kontra l-Istat Membru kkonċernat, kemm meta dan ikun astjena milli jittrasponi d-direttiva fid-dritt nazzjonali fit-termini previsti, kemm meta jkun wettaq traspożizzjoni żbaljata tagħhom (sentenza tat-13 ta' Frar 2019, Human Operator, C-434/17, EU:C:2019:112, punt 38).

45 F'dan il-każ, għandu jiġi rrilevat li, hekk kif jirriżulta essenzjalment mid-deċiżjoni tar-rinviju, il-Liġi tas-17 ta' Ġunju 2016 intiża sabiex tittrasponi d-Direttiva 2014/24 fid-dritt Belġjan daħlet fis-seħħ biss fit-30 ta' Ġunju 2017, jiġifieri f'data sussegwenti għad-data ta' skadenza tat-terminu għat-traspożizzjoni ta' din id-direttiva, it-18 ta' April 2016. Għaldaqstant, il-kwistjoni tal-effett dirett tal-Artikolu 57(6) tal-imsemmija direttiva hija rilevanti.

46 Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni hija, minn naħa, inkundizzjonata meta din tistabbilixxi obbligu li ma huwa kkwalifikat b'ebda kundizzjoni u lanqas ma huwa suġġett, fl-eżekuzzjoni tiegħu jew fl-effetti tiegħu, għall-intervent ta' att kemm tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni kemm tal-Istati Membri u, min-naħa l-oħra, li tkun biżżejjed preċiża sabiex tiġi invokata minn parti fil-kawża u tiġi applikata mill-qorti meta tistabbilixxi obbligu f'termini inekwivokabbli (sentenza tal-1 ta' Lulju 2010, Gassmayr, C-194/08, EU:C:2010:386, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata).

47 Minbarra dan il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, anki jekk direttiva tħalli lill-Istati Membri ċerta marġni ta' diskrezzjoni meta jadottaw il-modalitajiet tal-implimentazzjoni tagħha, dispożizzjoni ta' din id-direttiva tista' titqies bħala li għandha natura inkundizzjonata u preċiża minn meta timponi fuq l-Istati Membri, f'termini inekwivokabbli, obbligu ta' riżultat preċiż u li ma jinkludi ebda kundizzjoni rigward l-applikazzjoni tar-regola li din tistabbilixxi (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-5 ta' Ottubru 2004, Pfeiffer *et*, C-397/01 sa C-403/01, EU:C:2004:584, punti 104 u 105, kif ukoll tal-14 ta' Ottubru 2010, Fuß, C-243/09, EU:C:2010:609, punti 57 u 58).

48 F'dan il-każ, għandu jiġi kkunsidrat li, billi jipprevedi li kull operatur ekonomiku jista' jipproduċi provi sabiex juri li l-miżuri li huwa ħa huma biżżejjed sabiex juru l-affidabbiltà tiegħu minkejja l-eżistenza ta' raġuni għall-esklużjoni li tikkonċernah, l-Artikolu 57(6) tad-Direttiva 2014/24 jagħti lill-operaturi ekonomiċi dritt li, minn naħa, huwa fformulat f'termini inekwivokabbli u, min-naħa l-oħra, jimponi fuq l-Istati Membri obbligu ta' riżultat li, anki jekk il-kundizzjonijiet materjali u proċedurali għall-applikazzjoni tiegħu għandhom jiġu adottati mill-Istati Membri skont l-Artikolu 57(7) ta' din id-direttiva, ma huwiex dipendenti fuq traspożizzjoni fid-dritt intern sabiex ikun jista' jiġi invokat mill-operatur ekonomiku kkonċernat u applikat favur dan tal-aħħar.

49 Fil-fatt, indipendentement mill-modalitajiet għall-applikazzjoni konkreti tal-Artikolu 57(6) tad-Direttiva 2014/24, din id-dispożizzjoni tipprevedi b'mod suffiċjentement preċiż u inkundizzjonat, fis-sens tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 46 ta' din is-sentenza, li l-operatur ekonomiku kkonċernat ma jistax jiġi eskluż mill-proċedura għall-għoti ta' kuntratt jekk jasal sabiex jistabbilixxi, għas-sodisfazzjon tal-awtorità kontraenti, li l-miżuri korrettivi meħuda jistabbilixxu mill-ġdid l-affidabbiltà tiegħu minkejja l-eżistenza ta' raġuni għall-esklużjoni li tikkonċernah. B'konsegwenza, l-Artikolu 57(6) ta' din id-direttiva jipprevedi, għall-benefiċċju ta' dan l-operatur ekonomiku, protezzjoni minima indipendentement mill-marġni ta' diskrezzjoni mogħti lill-Istati Membri fid-determinazzjoni tal-kundizzjonijiet proċedurali ta' din id-dispożizzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-14 ta' Lulju 1994, Faccini Dori, C-91/92, EU:C:1994:292, punt 17, kif ukoll tal-5 ta' Ottubru 2004, Pfeiffer *et*, C-397/01 sa C-403/01, EU:C:2004:584, punt 105). Dan għandu japplika iktar u iktar peress li, kif irrileva l-Avukat Ġenerali, essenzjalment, fil-punt 102 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-Artikolu 57(6) tal-imsemmija direttiva jadotta l-elementi fundamentali tas-sistema ta' miżuri korrettivi u tad-dritt mogħtija lill-operatur ekonomiku billi jindika l-elementi minimi li għandhom jiġu pprovati kif ukoll il-kriterji ta' evalwazzjoni li għandhom jiġu osservati.

50 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, it-tieni domanda għandha tiġi risposta li l-Artikolu 57(6) tad-Direttiva 2014/24 għandu jiġi interpretat fis-sens li jipproduċi effett dirett.

Fuq l-ispejjeż

51 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 57(6) tad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku [l-għoti ta' kuntratti pubbliċi] u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE, kif emendata bir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/2170 tal-24 ta' Novembru 2015, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi prassi li permezz tagħha operatur ekonomiku huwa obbligat li jipproduċi b'mod spontanju, waqt it-tressiq tat-talba tiegħu għal parteċipazzjoni jew tal-offerta tiegħu, il-prova tal-miżuri korrettivi meħuda sabiex tintwera l-affidabbiltà tiegħu minkejja l-eżistenza, fir-rigward tiegħu, ta' raġuni fakultattiva għall-esklużjoni msemmija fl-Artikolu 57(4) ta' din id-direttiva, kif emendata bir-Regolament ta' Delega 2015/2170, peress li tali obbligu la jirriżulta mil-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli u lanqas mid-dokumenti tal-kuntratt. Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 57(6) tal-imsemmija direttiva, kif emendata bir-Regolament ta' Delega 2015/2170, ma jipprekludix tali obbligu meta dan ikun previst b'mod ċar, preċiż u univokali fil-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli u meta dan jiġi mgħarraf lill-operatur ekonomiku kkonċernat permezz tad-dokumenti tal-kuntratt.**

2) **L-Artikolu 57(6) tad-Direttiva 2014/24, kif emendata bir-Regolament ta' Delega 2015/2170, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipproduċi effett dirett**

Firem